Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

N°: 41/16

**AVVIŻI**

**9 ta' Ottubru 2016**

*Illum* nistednukom iżżuru l-Bazaar organizzat mill-Kumitat Festa fejn issibu għażla ta' pjanti u ħelu.

Nhar is-Sibt 15 ta' Ottubru sa jsir il-pellegrinaġġ Parrokkjali tal-Ġublew tal-Ħniena għas-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa Nitilqu fid-9am minn quddiem il-Knisja. Kulħadd mistieden. Għandhom jieħdu sehem b'mod speċjali l-membri kollha tal-għaqdiet, kummissjonijiet, kumitati u gruppi tal-parroċċa kif ukoll it-tfal tal-katekiżmu flimkien mal-ġenituri tagħhom. Dakinhar il-grupp tal-griżma jibda formalment it-tħejjija għal dan is-sagrament.
It-trasport huwa bla ħlas imma kulħadd għandu jinkiteb minn qabel.

Nhar il-Ħadd 16 ta' Ottubru niċċelebraw il-festa tal-protettur tal-parroċċa tagħna S. Luqa Evanġelista. Il-quddiesa tal-festa ssir fis-7pm bis-sehem tal-għaqdiet kollha u tkun immexxija minn Mons. Paul Vella.

Infakkru li matul ix-xahar ta' Ottubru kuljum jingħad ir-rużarju quddiem Ġesù Sagramentat u tingħata l-Barka Sagramentali qabel il-quddiesa tas-7pm.

*Għal aktar tagħrif żur is-sit:* www.parroccaburmarrad.com